**KUNSILL LOKALI SAN ĠILJAN**
**Triq Forrest, San Ġiljan, STJ 2033**
Tel: 21373111 Fax: 21373444
email: sangiljan.lc@gov.mt

Rif Minuti 41/K6/11

**Nru tal-laqgħa minn 07/04/'94 – 28/02/'11 270**

**Nru ta' seduti minn 07/04/'94 – 28/02/'11 325**

## 1. Introduzzjoni

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar it-Tnejn 21 ta' Frar 2011.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv, Triq Forrest, San Ġiljan, fit-3.30 p.m.

1.03 Preżenti: Is-Sindku Peter Bonello
Il-Viċi-Sindku Richard Scicluna
Il-Kunsillier Edgar Montanaro
Il-Kunsilliera Irene Borg
Il-Kunsillier Raymond Cachia
Il-Kunsillier Norman Vella
Is-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker
L-iskrivana Cher Carmen Fenech.

1.04 Skużat: Il-Kunsillier Ronald Agius

1.04 Kien preżenti wkoll l-Accountant tal-Kunsill, is-Sur Louis Padovani.

1.05 Preżenza tal-Pubbliku:- (1).

1.06 Is-Sindku Peter Bonello ppresieda l-laqgħa.

## 1.1 Talba

1.1.01 Inqrat it-Talba.

**1.2. Aġenda**

1.2.01 Il-Kunsill mexa' fuq l-avviż li ġie ppubblikat fil-15 ta' Frar 2011. L-Aġenda kienet hekk:-

1. Approvazzjoni ta' Minuti
2. Korrispondenza
3. Rapport Finanzjarju sal-31 ta' Diċembru 2010
4. Reviżjoni tal-Budget
5. Financial Statements
6. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-kontijiet
7. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

**1.3 Approvazzjoni ta' Minuti**

**Minuti - Kunsill**

1.3.01 Iċ-Chairman ressaq il-Minuti 40/K6/10 għall-approvazzjoni.

1.3.02 Il-Kunsillier Edgar Montanaro ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti 40/K6/11.

1.3.03 Il-Kunsilliera Irene Borg issekondatu.

1.3.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

1.3.05 Il-Viċi-Sindku Richard Scicluna wasal fl-3.40 p.m.

**2 Korrispondenza**

**Rif. Nru. Korrispondenza**

406&423 Email mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward Memo 8/2011 – Emenda għal Memo 122/2010 Ikliet/Riċevimenti organizzati mill-Kunsilli Lokali.

577&765 Email mingħand il-Malta Environment & Planning

Authority rigward UIF Committee 20/1/2011 u d-dokument ta' ftehim.

653&507 Ittra mingħand it-Transport Malta rigward U-Shaped Bollard fi Triq Lapsi, San Ġiljan u ittra mingħand Saviour Borg rigward xogħolijiet fi Triq Lapsi.

658 Ittra mingħand il-Kunsillier Norman Vella rigward nuqqas ta' attendenza għal-laqgħa tal-Kunsill li saret fil-21 ta' Ottubru 2010.

679 & K0195 Korrispondenza tal-Grant Thornton rigward l-Audit għas-sena 2010.

707 & K177 Email mingħand l-Uffiċċju tal-Prim Ministru rigward ERDF 209 – Upgrading of Balluta Bay San Ġiljan.

723 & K197 Ittra mingħand il- Malta Environment & Planning Authority rigward Upgrading of Balluta Bay.

729 Email mingħand il-Kunsill Lokali ta' Pembroke rigward il-Membri ta' l-ECAD.

762 Email mingħand l-Awtorita tad-Djar rigward il-pjan ta' manutenzjoni tal-komun tal-binjiet tal-Gvern.

808 Ittri mingħand resident rigward ħsara lill-vettura.

816 Ittra mingħand it-Transport Malta rigward parking bay fi Triq Bertha K. Ilg.

837 Email mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward bye-law armar ta' għamara fuq bankini u sewqan ta' roti fuq l-istess bankina.

855& K165 Email mingħand il-Bank of Valletta rigward attivita ta' Jum Lapsi.

**Fost l-ittri li nqraw ġew diskussi:-**

Rif. Nru. 653 & 507

2.01 Saret riferenza għall-ittri mingħand it-Transport Malta rigward il-*U-Shaped Bollard* u xogħolijiet fi Triq Lapsi, San Ġiljan. Ġie deċiż unanimament illi s-Sindku Peter Bonello jiltaqa' '*on-site'* ma' rappreżentant tat-Transport Malta sabiex jiġu diskussi l-proposti li tressqu mit-Transport Malta rigward il-*footpath* u d-*double yellow lines.*
B'riferenza għall-korrispondenza mingħand il-perit Saviour Borg, ġie deċiż unanimament li l-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni li l-garanzija bankarja tiġi rilaxxata.

2.02 Iċ-Chairman talab sospensjoni tar-regolamenti sabiex jiġu diskussi items 3 sa 5 ta' l-agenda qabel titkompla item 2.

2.03 Ma kienx hemm oġġezzjoni.

**3 Rapport Finanzjarju sal-31 ta' Diċembru 2010**

3.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat b'kopja tar-Rapport Finanzjarju sal-31 ta' Diċembru 2010 (Ara Appendiċi 'A').

3.02 Is-Sur Louis Padovani ta spjegazzjoni dettaljata ta' dan ir-rapport.

3.03 Wara diskussjoni l-Kunsillier Edgar Montanaro ppropona l-approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju sal-31 ta' Diċembru 2010.

3.04 Il-Viċi-Sindku Richard Scicluna ssekondah.

3.05 Il-Kunsill qabel unanimament.

**4 Revizjoni tal-Budget**

4.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat b'kopja ta' l-estimi riveduti (Ara Appendiċi 'B').

4.02 Wara li s-Sur Louis Padovani ta spjegazzjoni tar-reviżjoni tal-budget, il-Kunsillier Edgar Montanaro ppropona l-approvazzjoni tar-reviżjoni tal-Budget.

4.03 Il-Viċi-Sindku Richard Scicluna ssekondah.

4.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

4.05 B'riferenza għall-minuti 40/K6/11 taqsima 2 paragrafu 2.04 ċ-Chairman informa lill-Kunsill li l-laqgħa mas-Segretarju Parlamentari għall-Konsumatur, Kompetizzjoni Ġusta, Kunsilli Lokali u Konsultazzjoni Pubblika, l-Onor. Dr. Chris Said ser issir il-Ġimgħa 4 ta' Marzu fis-2pm.

**5 Financial Statements**

5.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat b'kopja tal-Financial Statements sal-31 ta' Diċembru 2010 (Ara Appendiċi 'C').

5.02 Is-Sur Louis Padovani ta spjegazzjoni dettaljata ta' dan ir-rapport.

5.03 Il-Kunsillier Edgar Montanaro ppropona l-approvazzjoni tal-Financial Statements.

5.04 Il-Viċi-Sindku Richard Scicluna ssekondah.

5.05 Il-Kunsill qabel unanimament.

5.06 Iċ-Chairman irringrazzja lis-Sur Padovani u lis-Segretarju Eżekuttiv għall-ħidma tagħhom.

5.07 Is-Sur Padovani ġie skużat fl-4.20pm.

**2 Korrispondenza**

**Fost l-ittri li nqraw ġew diskussi:-**

Rif. Nru. 658

2.02 Saret riferenza għall-ittra mill-Kunsillier Norman Vella rigward nuqqas ta' attendenza għal-laqgħa tal-Kunsill li saret nhar il-Ħamis 21 t'Ottubru 2010. Ġie deċiż unanimament illi peress li l-Kunsillier Norman Vella kien

jinsab marid għandu jitqies bħala skużat u mhux assenti u għalhekk għandu jingħata l-allowance li tnaqsitlu.

2.03 Reġgħet inġibed għall-attenzjoni tal-Kunsill Memo 89/2009 u l-Kunsill ġie nfurmat biex josservaha.

Rif. Nru. 729

2.04 Saret riferenza għall-email mingħand il-Kunsill Lokali Pembroke rigward il-*membership* tal-Kunsilli Lokali fl-ECAD u l-konferenza li ser issir f'Varna fil-Bulgarija bejn it-12 u l-14 ta' Mejju, 2011. Wara diskussjoni qasira, ġie deċiż unanimament illi l-Kunsill ma jsibx oġġezjoni li s-Sindku Peter Bonello jattendi għal din il-konferenza fil-Bulgarija flimkien ma' ħaddieħor għas-spejjeż tal-Kunsill.

Rif. 762

2.05 B'riferenza għal-korrispondenza mingħand iċ-Chief Executive Officer ta' l-Awtorita' tad-Djar, dwar il-pjan ta' manutenzjoni tal-komun tal-binjiet tal-Gvern, ġie deċiż unanimament li tinġibed l-attenzjoni ta' l-Awtorita' tad-Djar li fi Triq Lapsi hemm masonette block li mhiex imniżla fil-lista. Dan sabiex jizdied l-ammont ta' dan il-block ma' l-ammont li huwa diġa approvat.

Rif. Nru. 808

2.04 Saret riferenza għall-email mingħand is-Sur Keith Camilleri rigward il-ħsara li saret fuq il-vettura tiegħu. Ġie deċiż unanimament illi l-Kuntrattur LK Ltd. jinghata kopja ta' din il-korrispondenza sabiex sa laqgħa li jmiss ta' Marzu jagħti risposta bil-miktub lill-Kunsill bl-azzjoni li ser tittieħed.

Rif. Nru. 816

2.06 Saret riferenza għall-ittra mingħand it-Transport Malta rigward parking bay għall-*Blue Sticker Badge Holders* fi Triq Bertha K. Ilg. Ġie deċiż unanimament illi jiġi rrakomandat lit-Transport Malta biex tagħti l-

approvazzjoni sabiex din il-parking bay għall-*Blue Sticker Badge Holders* tibqa' fejn ġiet ixxiftjata, dan sabiex jinqeda aħjar min għamel użu minnha.

Rif. Nru. 837

2.07 Saret riferenza għall-email mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali sabiex l-abbozz tal-Bye-Laws Armar ta' Għamara fuq bankini u sewqan ta' roti fuq l-istess bankina jinbidel f'żewġ abbozzi. Ġie deċiż unanimament illi l-Kunsillier Edgar Montanaro jieħu ħsieb din il-materja.

Rif. Nru. 855 & K165

2.08 Saret riferenza għall-email mingħand il-Bank of Valletta plc rigward l-attivita' ta' Jum Lapsi. Wara diskusjoni qasira ġie deċiż unanimament illi l-Kunsillier Edgar Montanaro jiltaqa' mas-Sur Martin Mangion il-Branch Manager tal-Bank of Valletta plc u jinforma lill-Kunsill x'ikun ħareġ minn din il-laqgħa.

**7 Approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet**

7.01 Iċ-Chairman ressaq il-pagamenti għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'D').

7.02 Il-Kunsillier Edgar Montanaro ppropona l-approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet.

7.03 Il-Kunsilliera Irene Borg issekondatu.

7.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**8 Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets**

8.01 Iċ-Chairman ressaq il-Purchase Request Sheets minn Nru. 2969 sa 2973 għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'E').

8.02 Il-Kunsillier Edgar Montanaro ppropona l-approvazzjoni tal-Purchase Request Sheets minn Nru. 2969 sa 2973.

8.03 Il-Kunsilliera Irene Borg issekondatu.

8.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

8.05 Iċ-Chairman talab sospensjoni tar-regolamenti sabiex jiġu diskussi materji oħra.

8.06 Ma kienx hemm oġġezzjoni.

**9 Materji Oħra**

9.01 Ġie deċiż unanimament li:-

- Tintbagħat *reminder* lid-Drainage Department sabiex jiġu rranġati t-tappieri kollha tal-lokalita';
- It-Transport Malta tiġi nfurmata sabiex jirranġaw it-toqob li hemm fi Triq Ta' Giorni fejn għandu jsir il-Bus Shelter minħabba li huma perikolużi;
- Il-Pulizija tiġi nfurmata illi peress li l-Lukanda Lapsi, fi Triq il-Kbira tinsab abbandunata, qed jinħoloq inkonvenjenza għall-pubbliku minħabba ħsejjes ġej minn ġol-lukanda waqt il-maltemp;

9.02 Iċ-Chairman għalaq il-laqgħa fl-5.40 pm.

**Peter Bonello**
**Sindku**

**Helen Walker**
**Segretarju Eżekuttiv**